



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Diċembru 2018
(OR. en)

15271/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0081(COD)

SOC 768
EMPL 574
SAN 457
IA 412
CODEC 2252

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru dok. Cion:	7733/18 + ADD 1 - COM(2018) 171 final
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol - Dikjarazzjoni konġunta minn Franza, il-Finlandja, l-Italja, il-Litwanja, in-Netherlands, ir-Renju Unit u s-Slovakkja

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża dikjarazzjoni konġunta minn Franza, il-Finlandja, l-Italja, il-Litwanja, in-Netherlands, ir-Renju Unit u s-Slovakkja li għandha tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill.

Dikjarazzjoni konġunta minn Franza, il-Finlandja, l-Italja, il-Litwanja, in-Netherlands, ir-Renju Unit u s-Slovakkja dwar il-

Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2004/37/KE

dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol (it-tielet sett)

Franza, il-Finlandja, l-Italja, il-Litwanja, in-Netherlands, ir-Renju Unit u s-Slovakkja jappoġġaw kull miżura li żżid is-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema. Huwa f'dan l-ispirtu li Franza, il-Finlandja, l-Italja, il-Litwanja, in-Netherlands, ir-Renju Unit u s-Slovakkja jappoġġaw il-mandat tal-Presidenza dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva 2004/37/KE.

Madankollu, Franza, il-Finlandja, l-Italja, il-Litwanja, in-Netherlands, ir-Renju Unit u s-Slovakkja jiddispijaċihom li l-għażla alternattiva li jiġi inkluż bijomonitoraġġ komplementari għal komposti tal-kadmju, kif propost mill-Kumitat Xjentifiku għal valuri limitu għall-espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol (SCOEL) u l-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ACSH), ma setgħetx tinżamm fl-approċċ ġenerali.

Din l-alternattiva bbażata fuq l-użu ta' bijomonitoraġġ ttipprovdi l-istess grad ta' protezzjoni għall-ħaddiema permezz ta' kontrolli aktar preċiżi tal-analiżi medika filwaqt li tissimplifika r-restrizzjonijiet tekniċi fuq il-kumpanniji għal dawk l-Istati Membri li jixtiequ japplikawha. Huwa minħabba f'hekk li għandu jittieħed kont aħjar tagħha, fejn xieraq, fil-leġislazzjoni Ewropea.